TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/50/20/S

Matthew Borg
vs
Charlo Tanti

Illum, 22 t'Ottubru,2020.

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ta' Matthew Borg ippreżentata fit-13 t'April, 2020 u r-Risposta ta' Charlo Tanti ippreżentata fit-23 ta'Settembru,2020;

Ra d-dokumenti ippreżentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni magħmula fis-seduta tat-23 ta'Settembru,2020.

Ikkunsidra:

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-rikorrenti Matthew Borg spjega s-segwenti:

- Illi l-intimat ipprovda sistema tas-CCTV fir-residenza tar-rikkorent fis-Siggiewi;**
- Illi r-rikorrent ta rendikont ta' kull darba li kien hemm ħsarat fis-sistema tas-CCTV u li ftit qabel ghalqet il-garanzijsa tas-sentejn, huwa talab rifuzjoni;
- Illi r-rikorrent stqarr li ghalkemm kienu jsiru t-tiswijiet meħtieġa, is-sistema kien jerga' jigrilha xi ħsara oħra.

Illi fir-Risposta, l-intimat ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

-Illi x-xogħol sar kwazi sentejn qabel u kull darba li r-rikorrent kellu problema, l-intimat stqarr li mar jirrangalu minghajr hlas;

-Illi inoltre dan, wara l-ahhar ilment ir-rikorrent m'accettax li l-intimat imujr u jara x'inhi l-problema.

1. *Il-mertu*

Illi l-mertu tal-azzjoni jikkonsisti fl-ilment tar-rikorrenti li x-xogħol ma sarx skont l-arti u sengħa u d-difiża tal-intimat li rrisponda li x-xogħol sar skont l-arti u sengħa u inoltre, kull darba li kien hemm xi ilment, dejjem mar fuq il-post u biddel li kien hemm bzonn.

Illi t-Tribunal josserva li mhuwiex accettabbli li tinxtara sistema ta' CCTV li tibqa' ma taħdimx kif suppost ghal raguni jew ghal ohra.

Illi fix-xhieda tiegħu, ir-rikorrent xehed li *"From day one bdiet taghti t-trouble….kwazi biddilna s-sistema kollha"*. Dan huwa konfermat mix-xhieda tal-istess intimat moghtija fis-seduta tat-23 ta'Settembru,2020 fejn xehed: *"nahseb ghadda xi xahar jew xaghrejn u kellu xi hsara…biddilna s-sistema kollha barra camera wahda…"*

Illi meta kwazi ghaddew sentejn, ir-rikorrent ried flusu lura jew kien se jibda' proceduri quddiem dan it-Tribunal.

Illi mill-provi jirrizulta li wara kwazi sentejn, is-sistema kienet ghada taghti l-problemi u l-intimat fix-xhieda tieghu, ikkonferma li ghadu ma jafx x'ikkawza dan ghax skont hu, l-oggetti jahdmu ghandu pero mhux ghand ir-rikorrent. Hi x'inhi r-raguni, is-sistema kellha tiffunzjona u jekk le, l-intimat kellu jaghmel dak kollu necessarju u mal-ewwel, biex din tahdem kif suppost.

Illi minn dan kollu, it-Tribunal huwa tal-fehma li t-talbiet tar-rikorrent jimmeritaw li jiġu milqugħa.

*Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi:

Jilqa' t-talba tar-rikorrenti u Jordna lill-intimat jirritorna l-ammont ta' €489.70 kif mitluba fit-talba filwaqt li Jiċħad ir-risposta tal-intimat bl-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess intimat.

Richard Sladden Av.
Arbitru